*Mandat t'inibizzjoni biex ma jsirux xogħlijet f'arja sovrastanti terran tar-rikorrenti.*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM 30 ta' Novembru 2021**

**DIGRIET KAMERALI**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1461/2020 GM**

**George u Maria Dolores konjuġi Said**

**(I.D. 31959M u 42659M)**

**vs**

**Louise u Bernardette konjuġi Apap Bologna**

**(I.D. 701544M u 159251M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu qegħdin jitolbu li jiġu inibiti milli : (1) jibnu fuq l-arja sovrastanti t-terran tagħhom fit-tielet u r-raba' livell billi t-terran tagħhom numru 134, Dawret it-Tunnara, l-Għadira, ma jiflaħx għal piż ulterjuri u (2) jiftħu gallarija fl-arja tal-bitħa tagħhom.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnha maħtur.

Rat l-atti l-oħrajn tar-rikors.

Ikkunsidrat:

Dwar it-tieni talba, l-intimati wieġbu li mhux bi ħsiebhom jiftħu l-gallarija.

Dwar l-ewwel talba, jirriżulta li l-intimati m'ottemperawx ruħhom mal-Avviż Legali 136/19 li jobbligahom li qabel jesegwixxu bini ta' sulari addizzjonali fuq proprjeta` ta' terzi jħejju *method statement for building works* u *condition report.*

Għalkemm il-Qorti qabbdet perit tekniku, ġew esibiti rapporti *ex parte,* u ġiet ikkummissjonata kumpannija esperta fil-ġeoloġija biex teżamina s-sottoswuol, ma jirriżultalhiex li jista' jsir il-bini propost b'mod sikur. Dan għaliex tliet boreholes li saru mill-kumpannija msemmija maġemb il-ħajt diviżorju ma kinux wiesa' biżżejjed u ma kinux għas-sodisfazzjon lanqas tal-perit tal-intimati. Saru żewġ boreholes oħrajn fuq il-bankina viċin iż-żewġ appoġġi. Skont dawn, is-sottosuol jiflaħ għall-piż addizzjonali. B'danakollu, dawn juru l-pożizzjoni fit-triq, u mhux maġemb il-bini.

Jekk jistax isir bini addizzjonali b'mod sikur għandu jiġi stabbilit permezz ta' kawża. Sadanittant, *prima facie* r-rikorrenti xorta waħda

għandhom jeddijiet potenzjali x'jikkawtelaw.

Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talbiet dedotti mir-rikorrenti.

Spejjeż a kariku tal-intimati.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA